VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 428 tal-2012

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161) BDIL TA' *STOCK*

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Bdil ta' Euro 150,000,000 mill-Euro 287,014,800 3.60% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) f'ammont aggregat ta' Euro 150,000,000 f'wieħed jew aktar miż-żewg *Stocks,* tat-3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue,* u 3.85% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31(a) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment iddikjara li Euro 150,000,000 mill-Euro 287,014,800 3.60% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) li għandu jitħallas lura fit-18 ta' Ottubru, 2013, jista' jinbidel fi *Stock* Reġistrat li joħroġ skont id-dispożizzjoni ta' l-Ordinanza.

Skont l-artikoli 31 (b) u 32 tal-imsemmija Ordinanza, il-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' Euro 150,000,000 mill-Euro 287,014,800 3.60% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) għandhom jinħarġu:

(a) 3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue*; u

(b) 3.85% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V)

minn hawn `il quddiem id-'*Destination Stocks*' (*Conversion Stocks*) li jkunu maħluqa u maħruġa kif ġej:

Mod tal-ħruġ tal-i*Stock*.

1. Il-ħruġ tad-*Destination Stocks* (*Conversion Stocks*) ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-għoti tal-i*Stocks*.

2. Kull detentur ta' *Stock* fit-3.60% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) jistgħa japplika f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stocks* separatament. It-tqassim ta' dawn l-i*Stocks* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap, 345.

3. Taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex dawn l-i*Stocks* jiġu ammessi fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjati fil-Borża ta' Malta.

Għaqda tal-*iStock Fungible*.

4. Fl-20 ta' Frar, 2013 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 6 (1), kull ammont allokat fit-3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) *Fungibility Issue* (*Destination Stock*) jiġi magħqud mal-ħruġ eżistenti tat-*3.75% Stock tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV)* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

Ammont ta' Ħruġ ta' *Stock* meħtieġ għal Bdil.

5. L-ammont meħtieġ għall-ħolqien u l-ħruġ ta' wieħed jew aktar miż-żewġ *Destination Stocks (Conversion Stocks)* flimkien għandu jkun ta' Euro 150,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.875 għal kull Euro 100, tat- 3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) jitħallas kull sitt xhur b'lura fl- 20 ta' Frar u fl-20 ta' Awwissu ta' kull sena matul il-kors tal-i*Stock*. L-ewwel ħlas tal-imgħax ta' Euro 1.875 għal kull Euro 100 *Stock* li jkopri l-perjodu bejn l-20 ta' Awwissu, 2012 u d-19 ta' Frar, 2013 (iż-żewġ dati inklużi) isir fl-20 ta' Frar, 2013.

(2) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.925 għal kull Euro 100, tat-3.85% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit- 18 ta' April u fit-18 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors tal-i*Stock*. L-ewwel ħlas ta' mgħax ta' Euro 1.925 għal kull Euro 100 *Stock* li jkopri l-perjodu mit-18 ta' Ottubru, 2012 sas-17 ta' April, 2013 (iż-żewġ dati inklużi) isir fit-18 ta' April, 2013.

Fidwa ta' *Stock*.

7. (1) It-3.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2017 (IV) jiġi mifdi b'parità fl- 20 ta' Awwissu, 2017.

(2) It-3.85% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (V) jiġi mifdi b'parità fit- 18 ta' April, 2018.